# Marija Assunta u l-Gudjani



Marlene Mangion

(Addattament minn kitba ta' George Maggi "Santa Marija tħares lill-Gudjani fl-eqqel tat-Tieni Gwerra Dinjija" - Il-Mument tal-Ħadd 13 ta' Awwissu, 2006)

Wieħed mill-irħula ħiemda fin-naħa ta' isfel ta' gżiritna, li jiffesteġġja bil-kbir il-festa ta' Santa Marija, hu r-raħal tal-Gudja. Għalkemm ċkejken fl-għadd tal-popolazzjoni ta' madwar 3,050, hu kbir fil-kuraġġ.

Qrib il-mitjar ta' Ħal Far u Ħal Luqa fi żmien l-aħħar gwerra dinjija, il-Gudja kienet għaddejja minn periklu kbir. U min jaf kemm fl-eqqel tal-jiem tal-gwerra safa' attakkat bil-bombi tal-għadu u minnufih ir-raħal kollu refa' ħarstu lejn il-patruna tiegħu Santa Marija biex tgħinu joħroġ minn dak l-għawġ.

Madankollu, fiż-żminijiet ta' llum il-Gudja laqgħet ħdejha wieħed mill-isbaħ ajruporti fil-Mediterran – l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

Il-Knisja Parrokkjali bid-devozzjoni lejn l-Assunta minn dejjem kienet il-mimmi ta' għajnejn il-Gudjani. Bejn Kappillan u ieħor, bl-isforzi tal-kleru u l-benefatturi tal-lokal, imqar dawk li taw mill-ftit li kellhom, il-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija mhux biss inbniet, iżda ssebbħet u llum hi waħda mill-knejjes denji tal-Patruna tagħhom, u dan mhux biss fil-binja tagħha iżda wkoll fl-opri artistiċi u sagri li saru matul is-snin. Fis-sena 2005, biex il-Knisja tinżamm miżmuma tajjeb, ġie restawrat il-kampnar.

L-istatwa artistika ta' Marija Assunta, li hi l-ġojjell tal-Gudjani, għandha dehra tabilħaqq ħajja. Imwieżna minn tliet anġli fuq is-sħab hi tħares lejn is-sema b'idejha ftit 'l isfel bħallikieku tiela' 'l fuq 'l fuq. Xogħol mill-isbaħ ta' Vincenzo Dimech (1768-1831). Fis-sena 2005 l-Istatwa għalqet 200 sena.

Għal dik li hi ħajja soċjali fil-Gudja, il-kazini ma naqsux li jagħtu s-sehem tagħhom. Dawn jinsabu mrekknin madwar il-Knisja parrokkjali u lkoll jaħdmu b'risq ir-raħal. Fost dawn, il-Kazin tal-Għaqda Muzikali Marija Assunta hu xhieda ta' dan għax matul is-sena kollha din l-għaqda taħdem bla serħan, mhux biss biex tara l-kazin jimxi 'l quddiem, izda wkoll biex tnissel ġibda lejn il-mużika.

Fis-7 ta' Ġunju, 1991, il-President tal-Għaqda Mużikali, John Dalli – dak iż-żmien Membru Parlamentari, u Mario Calleja – illum is-Sindku, qegħdu ewwel ġebla tal-lavur ta' faċċata ġdida li nħadmet mill-membri tal-għaqda stess. Hi faċċata mill-isbaħ fuq żewġ sulari b'kolonnar u frontispizju. Fil-każin, din is-sena, għadu kemm tlesta l-bini ta' maħżen għall-armar, arkivju, sala għall-kunċerti u xi xogħolijiet oħra.

Fil-limiti tal-Gudja, tinsab il-Kappella ta' Bir Miftuħ. Fl-1436 kienu jeżistu 10 parroċċi biss f'Malta u Bir Miftuħ kienet waħda minnhom, u kienet tilqa' nies mill-irħula tal-madwar. Maż-żmien minnha ħarġu xi parroċċi oħra u għalhekk saret Matrici (omm). Infatti l-motto tal-Gudja hu Pluribus Parens (omm ta' ħafna wlied). Aktar tard minn dawn "l-ulied" ħarġu parroċċi oħra u b'hekk il-Gudja saret in-"nanna". Issa kienet saret Arcimatrici. Fl-1656 il-parruċċani tal-Gudja riedu knisja ġdida aktar fil-qalba tar-raħal u għalhekk bdiet tinbena knisja parrokkjali. Fid-19 ta' Lulju, 2006, il-Knisja tal-Gudja ġiet mgħollija għad-dinjita arċipretali.

Il-Kappella ta' Bir Miftuħ, li hi kappella medjevali, dan l-aħħar ġibdet ħafna attenzjoni u ġiet restawrata. Għadha tintuża sallum għal xi kunċert jew għal xi quddiesa f'xi okkażjoni speċjali.

Il-Gudja hi magħrufa bħala raħal kwiet, iżda mhux nieqes mill-istorja. Raħal miżgħud b'bosta djar ta' karattru u palazzi għax fih għexu nies distinti. Fost dawn jispikka l-Palazz tas-Sinjura Bettina. Jingħad li meta l-Ġeneral Napuljun Bonaparti qatta' xi jiem fuq gżiritna kien il-mistieden tal-familja nobbli li kienet tgħix f'dan il-Palazz. Għal dak iż-żmien dan kien ta' unur kbir għal dak ir-raħal jew belt li jilqa' fih lil xi persunaġġ magħruf bħal ma kien Napuljun.

Nhar Santa Marija, il-Gudjani jkollhom biex jifirħu għax flimkien magħhom jingħaqdu bosta Maltin u barranin li jżuru dan ir-raħal pittoresk meta jkun armat sa snienu għall-jiem tal-festa lill-Assunta li l-Gudjani tant iqimu u li għaliha, matul is-snin, bnew maqdes li jagħmlilhom ġieħ.

Jalla kull min jasal wasla sal-Gudja inissel fih devozzjoni lejn Marija Mtellgħa s-Sema u jiftakar minn x'hiex għadda dan ir-raħal fiż-żminijiet iebsa tal-gwerra meta kien imħares mill-patruna tiegħu Santa Marija.